Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 29/2023 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: L-Erbgħa, 24 ta; Jannar 2024

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Preżenti
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Skużat
Sur Clayton Cascun	Viċi - Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur Vincent Borg	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Skużat
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Preżenti
Sur Dominic Grima	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Skużat
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Skużat
Sur Alfred Zammit	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Skużat
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Preżenti
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti

29. 1 Ittri ta' Apoloġija

29.1.1 Il-President semma li s-Sur Boxall, is-Sur Pulis, is-Sur Grima, Is-Sur Abela Galea u s-Sur Zammit talbu li jkunu skużati. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Vince Borg, il-Kumitat qabel li għandhom jitniżlu skużati.

29.2 Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 28

29.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 28 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv.

29.2.2 Fuq proposta tal-President issekondat mis-Sur Neil Attard, il-minuti ġew approvati kif preżentati.

29.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 25

29.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Jorge Grech u s-Sur Neil Attard ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn id-19 ta' Diċembru 2023 u l-24 ta' Jannar 2024 li kienet tammonta għall-€338,972.79.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

29.4 Punti oħrajn

29.4.1 Belt Kapitali Ewropea 2031	Il-President semma li ta' kull xhar ir-Reġjun flimkien mal-Kunsill Lokali qed jiltaqa' mal-VCA sabiex jiddiskuti l-andament ta' kif ir-Reġjun flimkien mal-Kunsill għaddej sabiex titwaqqaf il-Fondazzjoni u eventwalment jibda jinkiteb il-Bid Book. Il-President semma li fil-laqgħa ta' Jannar jidher li qam il-punt li l-Belt Valletta ma setgħetx tkun parti mill-Bid Book. Dan peress li fis-sena 2018 diġa kienet il-Belt Kulturali Ewropea. Il-President semma li mil-laqgħa mal-VCA wieħed ta x' jifhem li qed isiru diskussjonijiet fuq livell Ministera=jali sabiex titneħħa l-Belt Valletta mir-Reġjun Port u tidħol il-Marsa minnflok. Il-President semma li kienett saret laqgħa wkoll mal-avukati u l-istatut issa kien lest sabiex jiġi ffirmat.
29.4.2 Direttiva 2/2023	Il-President semma li d-Dipartiment kien għadu ma ta l-ebda feedback lill-Presidenti tar-Reġjuni fuq il-komunikazzjoni li kienu bagħtu. Semma li dan kollu qed iwaħħal il-proċess sabiex il-Kunsill Reġjonali jibda jimpjega l-managers. .
29.4.3 Live Streaming tal-Laqgħat tar-Reġjun	Il-President semma li r-Reġjun għadu bla risposta mid-Diviżjoni u mill-IMU jekk l-ispeċifikazzjonijiet għsl-live streaming propost mir-reġjun humiex kompatibbli mas-sistema tal-MITA. Il-President semma li qabel ikun hemm konferma mill-IMU, ir-reġjun ma kien ser jinvesti fl-ebda sistema.
29.4.4 Sekmi Reġjun Port	Il-President semma li kienu bdew deħlin xi sottomissjonijiet għal claims li ser issiru fis-sena 2024. Fakkar fuq it-tlestija tal-instalazzjonijiet ta' CCTVs.
29.4.5 Sekma LESA 2024 – 2026	Il-President semma li r-Reġjun ser ikun qed jissottometti applikazzjoni sabiex jibbenifika minn fondi għall-proġett li ser isir fuq bażi Reġjonali fejn jinvolvi l-perspettiva ta' tfal fuq ir-Reġjun Port.
29.4.6 Social Impact Assessment	Il-president semma li dan kien ġie konkluż. Semma li ser jitqabbad designer biex jirranġa d-dokument u wara jintbgħat għall-istampar. Semma li dan id-dokument ser ikun qed jiġi mnidi fix-xhur li ġejjin.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

29.4.7 Memberships	Il-President semma li r-Reġjun kien ser iħallas il-membership ta' Rotta tal-Feniċi u ACR+ flimkien mal-Assoċjazzjoni u Reġjuni oħrajn. Semma wkoll li ser tkun qed titħallas l-membership tar-Reġjun tal-European Cities Against Drugs.
29.4.8 Timed Parking Schemes	Il-President semma li l-proposti li l-Kunsilli Lokali għaddew lill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dawn qed jiġu diskussi ma' Transport Malta. Semma li peress li kien hemm bdil fl-immaniġjar tal-enita' u għaldaqstant id-diskussjonijiet għadhom għaddejjin.
29.4.9 R.I.G.H.T.S	Il-President fakkar lill-Kunsilli Lokali sabiex jipparteċipaw fil-proġett RIGHTS li ser jagħti l-bidu tal-ħajja lill-Kunsilli Reġjonali ta' Tfal.
29.4.10 Ħaddiema RSSL	Il-President semma li matul ix-xahar ta' Marzu, il-ħaddiema tal-Kostruzzjoni ser ikunu fil-Kunsill Lokali tax-Xgħajra. Semma wkoll li f' April ser ikunu mal-Kunsill Lokali tal-Floriana. Ser jiġi assenjat ukoll xi xogħol ta' ħadid lill-ħaddiema tal-RSSL f'Marzu fil-Kunsill Lokali tal-Fgura u f'April fil-Kunsill Lokali ta' Bormla.
29.4.11 Videos ta' Marketing – Stradarjali Portal	Il-President semma li r-Reġjun irċieva proposta sabiex l-portal Stradarjali tipproduċi video clips qosra fuq kull lokal fi ħdan ir-Reġjun. Semma li dawn jiswew €300 kull video. Kien hemm qbil li għalissa dan il-proġett ma jiġix allokatt finanzjament minn naħa tar-Reġjun. Dan peress li ovjament ser ikun hemm portals oħrajn li javviċinaw lir-Reġjun għall-proġetti simili.
29.4.12 Accessibility Audit fil-lokalitajiet	Il-President semma li kontinwament qed jirċievi mingħand id-Diviżjoni sabiex jagħti informazzjoni jekk ir-Reġjun bediex jew huwiex lest li jikkummissjona accessibility audit fil-lokalitajiet. Is-Sindki preżenti wrew il-preokkupazzjoni kif wieħed qed jippretendi li jintnefqu fondi fuq dan l-awditjar meta l-Kunsilli stess qed ikollhom jaffaċjaw lill-Infrastruttura Malta għat-tip u l-għamla ta' bankini li qed isiru. Dawn qed jakkomodaw aktar il-garxxijiet milli lin-nies jimxu fuq il-bankini. Semmew ukoll li wieħed irid jara wkoll il-linja tal-binja li kemm-il dabra din tagħmilha diffiċli biex il-bankini jkunu aċċessibbli. Għaldaqstant, kien hemm qbil li għalissa r-Reġjun mhux interessat li jagħmel dan l-audit.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

29.5 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Business Plan 2024 – 2028

29.5.1 Il-President ressaq għall-approvazzjoni l-Business Plan għas-snin 2024 – 2028. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Neil Attard, il-Kumitat approva l-Business Plan.

29.6 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjaru għar-Raba' Kwart tas-sena 2023

29.6.1 Il-President ressaq għall-approvazzjoni r-Rapport Finanzjarju għar-Raba' Kwart tas-Sena 2023. Il-President semma li inħabba raġunijiet relatati ma' ħlasijiet fuq ġbir u immaniġjar ta' skart fil-lokalitajiet, ir-Reġjun kien qed jagħlaq is-sena b' deficit. Semma li dan id-deficit jiġi newtralizzat biss jekk ir-Reġjun jibda jiġbor spejjeż relatati mal-ġbir tal-ħġieġ u skart riċiklabbli inkluż dak tal-kummerċjal kif ukoll ġbir ta' skart organiku inkluż dak taċ-ċimiterji mill-Wasteserv.

29.6.2 Il-President propona li r-Rapport jiġi approvat kif qed jiġi preżentat. Fuq proposta tal-Presidnet issekondata mis-Sur Jorge Grech, IL-Kumitat approva r-rapport.

29.7 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjaru għas-sena 2023

29.7.1 Il-President ressaq għall-approvazzjoni r-Rapport Finanzjarju għas-Sena 2023. Il-President semma li dan ingħalaq bl-istess figuri li ġew preżentati fir-rapport għar-Raba' Kwart tas-Sena. Semma li minkejja li r-Reġjun lesta fil-ħin u b' mod effiċjenti r-rapporti finanzjarji tiegħu, xorta jidher li d-Dipartiment għadu ma ħariġtx direzzjonijiet ċari ta' kif qed jiġu rekordjatii spejjeż relatati ma' ġbir u rimi ta' skart. Semma li r-Reġjun ħaddem b' effiċjenza u b' livell tajjeb ta' governanza għaldaqstant, issa jistenna l-awditjar jibda fil-jiem li ġejjin sabiex jekk ikun hemm bżonn isiru l-aġġustamenti neċessarji, imma l-figuri huma li huma.

29.7.2 Il-President semma li cashflow li r-Reġjun irċieva mid-Diviżjoni għandha terġa' tagħddi lid-Diviżjoni u mhux direttament lill-Kunsilli. Dan għaliex id-Diviżjoni hija obbligata li tagħddi l-allokazzjoni li tnaqset lil kull Kunsill. Huwa semma wkoll li wieħed għandu jirrikonoxxi l-fatti li:

- ir-Reġjun tħalla barra minn kull diskussjonijiet mal-Wasteserv u kien deċiż mid-Diviżjoni li jsir offsetting. Semma li dan qed jimpatta l-cashflow tar-Reġjun

- fejn jidħlu l-iskemi GreenPak u GreenMT ir-Reġjuni kellhom biss laqgħa waħda u jidher li ftehim għadu 'l bogħod milli jintlaħaq kemm minħabab l-kwistjoni tal-VAT, li l-iskemi qed jitolbu 9 xhur credit terms kif ukoll l-ispiża tal-ġbir ta' skart kummerċjali għadhom ma jridux jassumuha.

- li r-Reġjun minkejja li huwa l-Contracting Authority qatt ma kien avviċinat sabiex jiffirma Financial Commitment form qabel inħareġe din is-sejħa, kif ukoll qatt ma ingħata allokazzjoni suffiċjenti mill-ewwel sabiex ikun imħaddem dan il-kuntratt.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

29.7.3 Għaldaqstant, il-President semma li għall-ewwel darba mis-sena 2011, ir-Reġjun ser ikun qed jagħlaq is-sena finanzjarja b' deficit minħabba t-tħaddim tal-kuntratt ta' ġbir ta' skart fuq bażi reġjonali minħabba r-raġunijiet imsemmija f' punt 29.7.2.

29.8 Aġġornament

29.8.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija. Il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar il-Ħamis, 29 ta' Frar 2024 fil-17:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Port

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv